MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 17/2003

**Carmelo Cachia**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant Carmelo Cachia datat 6 t'Awissu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' avviz ta' twettiq datat 7 ta' Frar 2000 notifikat lilu fit-12 ta' Frar 2000, huwa gie avzat sabiex jieqaf kull zvilupp fir-rigward ta' tibdil ta' uzu ta' art minn ghalqa ghal *scrapyard* u *parking* ta' trakkijiet u vetturi ohra;

Illi permezz ta’ appellipprezentat mill-esponent fil-15 ta’ Frar 2000 quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar huwa ressaq appell kontra l-imsemmi avviz ta’ twettiq;

Illi l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda dan l-appell permezz ta’ sentenza tat-23 ta’ Lulju 2003 fl-ismijiet premessi billi gie deciz li *“Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad l-appell u jikkonferma l-Avviz Nru ECF 68/00 mahrug fil-konfront ta’ l-appellant, b’dana illi l-avviz ghandu jigi fis-sehh fi zmien xahar mill-lum.”*

Illi l-esponent gie notifikat bid-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fis-26 ta’ Lulju 2003;

Illi l-esponent hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija u qieghed umilment permezz tal-prezenti jinterponi appell quddiem dina l-Qorti mid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar moghtija fit-23 ta’ Lulju 2003 fl-ismijiet **“Carmelo Cachia vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”**;

Illi l-aggravju ta’ l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. L-avviz ta’ twettiq inhareg fuq zewg bazi u cjoe’ ghaliex allegatament sar tibdil ta’ uzu ta’ l-art minn ghalqa ghal *scrapyard* u pparkjar ta’ vetturi li skond l-istess avviz sehh kollu minghajr permezz. Kemm l-Awtorita’ ntimata kif ukoll l-esponent jaqblu li l-art in kwistjoni ilha sservi ghall-uzu ta’ pparkjar ta’ vetturi sa minn qabel ma gie fis-sehh **Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta.** L-esponent jissottometti bir-rispett illi skond **artikolu 30 ta’ l-Att dwar l-Izvilupp** (Kapitolu 356) jirrikjedi l-hrug ta’ permess biss ghal dak l-izvilupp li jkun qieghed isir wara l-promulgazzjoni ta’ dan l-Att, b’hekk zvilupp li sehh qabel l-Att dwar l-Ippjanar ma jirrikjedix permess mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-istess Att. L-avviz ta’ twettiq jallega li fiz-zmien ghall-hrug ta’ l-istess avviz u cjoe’ fi Frar 2000 kien qieghed isir zvilupp fuq is-sit in kwistjoni u jesigi li tali zvilupp jieqaf b’mod immedjat, pero’ fiz-zmien li nhareg l-Avviz ta’ twettiq ma kien qieghed isir l-ebda zvilupp, u dan billi l-art in kwistjoni kienet ilha

tintuza ghall-ipparkjar ta' vetturi sa minn snin qabel ma dahal fis-sehh l-Att dwar l-Ippjanar. Ghalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett illi ma kien qieghed isir u ma sar l-ebda zvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettiq fi Frar 2000 jew fix-xhur sussegwenti u ghalhekk ma hemm l-ebda zvilupp li jista' jigi sindikat mill-Awtorita' taht Avviz ta' Twettiq.

2. *Inoltre*, l-esponent jissottometti bir-rispett illi hekk kif taqbel ukoll l-Awtorita' fid-decizjoni moghtija minnha, ladarba l-art in kwistjoni kienet ilha b'mod sistematiku tintuza ghall-ipparkjar tal-vetturi sa mill-anqas mis-sena 1989, kwalunkwe uzu ta' l-art kien jaqa' taht ir-regolamenti fis-sehh dak iz-zmien u mhux taht ir-regolamenti ta' l-Att dwar l-Ippjanar. B'hekk jekk tali uzu kienx jirrikjedi permess huwa regolat bil-ligi taht il-**Kodici 10 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe' l-Ligijiet tal-Pulizija taht liema dak iz-zmien kienet topera l-Planning Area Permits Board. Skond **artikolu 16 (1) tal-Ligijiet tal-Pulizija,** illum kancellat pero' huwa l-artikolu li jkopri tali uzu, permess ghal tibdil fl-uzu ta' l-art kien mehtieg biss meta l-Ministru responsabbli ghax-xoghlijiet pubblici jordna b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern illi dik l-*area* tkun *area* ta' pjan regulatur. Ghalhekk huwa biss wara l-prova ta' tali notifika da parti ta' l-Awtorita' li qeghda tallega li hemm bzonn ghal permess sabiex art tigi wzata ghall-ipparkjar ta' vetturi li jista' jigi stabbilit li verament kien hemm bzonn ta' permess u li tali permess huwa nieqes. Fin-nuqqas ta' tali avviz l-uzu ta' l-art ghall-ipparkjar ta' vetturi ma kenitx tirrikjedi permess u ghalhekk huwa zbaljat l-Avviz ghal Twettiq li jirrikjedi permess, izjed u izjed meta qieghed jirrikjedi permess ghal tali uzu li kien fis-sehh qabel l-Att dwar l-Ippjanar.

3. *Inoltre*, l-esponent jissottometti bir-rispett illi filwaqt li kif gja' gie sottomess l-Awtorita' ntimata hija zbaljata fil-ligi li tippretendi li tali uzu ghandu jkun *in linea* mar-regolamenti u mal-pjanijiet u *policies* li gew fis-sehh wara l-promulgazzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar u dan billi l-istess **artikolu 30** specifikament jghid li dan l-Att japplika biss ghal zvilupp li jsehh wara li dahal fis-sehh dan l-Att, *inoltre* taht l-**artikoli 51 u 52 tal-Kapitolu 356** hija nghatat biss il-poter li tissindika zvilupp li sar qabel is-sena 1992

biss jekk dak l-izvilupp ma sarx skond il-pjanijiet u l-*policies* fis-sehh fiz-zmien li l-izvilupp kien sehh. Ghalhekk anke kieku l-esponent kellu jaccetta li sehh zvilupp li min-natura tieghu jirrikjedi permess, xorta wahda s-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija zbaljata billi din b'ebda mod ma tissindika jekk dak l-izvilupp sehhx skond il-*policies* u pjanijiet fis-sehh fiz-zmien li l-izvilupp kien sar. Huwa rikjest mill-Awtorita' li din tivverifika jekk tali uzu, li jkun sehh qabel is-sena 1992 u li fuqu jkun inhareg Avviz ta' Twettiq, huwiex wiehed li sehh skond il-*policies* u pjanijiet fis-sehh fiz-zmien ta' l-izvilupp u dan huwa rikjest minnha mhux biss bl-istess **artikolu 51 u 52 tal-Kapitolu 356** izda anke kif ripetutament dikjarat fis-sentenzi ta' dina l-Qorti. Ghalhekk kien zbaljat il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li jezamina l-kaz in kwistjoni skond il-*policies* u pjanijiet stabbiliti taht il-**Kapitolu 356.**

4. Illi *inoltre*, sabiex waslet ghad-decizjoni moghtija minnha fit-23 ta' Lulju 2003 l-Awtorita' ntimata hadet in kunsiderazzjoni affarijiet estranei ghall-avviz ta' twettiq in kwistjoni. Dan billi hija hadet in konsiderazzjoni process iehor fuq l-istess art, u cjoe' dak il-process ECF 1394/95. Fl-ezami ta' process fuq avviz differenti minn dak li huwa l-mertu ta' dawn il-proceduri l-Awtorita' ntimata ghamlet kunsiderazzjonijiet a bazi ta' cirkustanzi estranei ghal dawn il-procedimenti, b'tali mod illi mhux biss ghamlet kunsiderazzjonijiet zbaljati fuq cirkustanzi estranei izda l-mertu ta' dak il-process lanqas kien identiku jew simili ghal dak tal-proceduri odjerni.

*Inoltre*, l-Awtorita' ntimata hadet in kunsiderazzjoni xhieda ta' *enforcement officer*, Joseph Bonnici, liema xhieda saret a bazi ta' access li sehh minnu minghajr l-awtorita' tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jew ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Dan billi l-unika access awtorizzat mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien dak li sehh nhar l-Erbgha, 24 ta' Mejju 2000 u l-istess Bord ma awtorizza l-ebda access iehor matul il-prosegwiment tal-proceduri quddiemu.

Illi ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-umli appell interpost minnu u

konsegwentement tirrevoka u thassar id-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fit-23 ta’ Lulju 2003 fl-ismijiet **“Carmelo Cachia vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (ECF 68/00) u tiddikjara l-Avviz biex tieqaf u ta’ twettiq numru ECF 68/00 bhala null, bl-ispejjez kontra l-Awtorita’ ntimata.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 7 sa 13 tal-process;

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 9 ta’ Settembru 2003 a fol. 15 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

Illi preliminarjament ghandha ssir korrezzjoni fir-rikors ta’ l-appell *stante* li l-Qorti kompetenti biex tisma’ appelli minn decizjonijiet tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar hija l-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri).

Illi bir-rispett kollu, ir-rikors ta’ l-appell ma jirrispekkja xejn dak li ntqal u dak li gie deciz fid-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell fit-23 ta’ Lulju 2003, f’liema rikors gie rilevat dak li kien konvenjenti ghar-rikorrent u li hafna drabi dak ma kienx minnu.

Illi huwa veru illi kienet giet imqajma punt ta’ ligi quddiem il-Bord u li dan gie eventwalment dibattut u deciz, imma meta dan il-punt jigi deciz b’mod korrett u inekwivoku, u mbaghad isir appell minn dik id-decizjoni fejn il-fatti gew totalment imhawda sabiex forsi wiehed jiggustifika li ghandu lok ghal appell minn punt ta’ ligi, dan xorta wahda, fl-umli opinjoni ta’ l-esponenti, jikkostitwixxi appell null u bla effett.

Illi dan qed jinghad ghaliex ir-rikorrent, fir-rikors ta’ l-appell tieghu qieghed jorbot it-tezi tieghu kompletament fuq il-fatt illi hu kien sostna illi kien hemm bdiel fl-uzu fuq dak is-sit hafna qabel li dahlet fis-sehh l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u cjoe’ hafna qabel l-1992 u li l-istess Awtorita’, fil-proceduri quddiem il-Bord qabel illi dan kien fatt.

Illi l-fatt li l-Awtorita’ esponenti qablet li l-bdil fl-uzu kien ilu li sar ma jirrizulta minn imkien u nitlob lill-istess rikorrent

sabiex jirrileva lil din il-Qorti fejn dan intqal. In kwantu li l-izvilupp mertu ta' l-Avviz *de quo* kien ilu hemm numru ta' snin, il-Bord ta' l-Appell dahal fil-fond f'din il-kwistjoni u kkonkluda illi effettivament l-**artikolu 30 ta' l-Att I** dwar l-Ippjanar ma japplikax.

Illi l-Bord ta' l-Appell ta diversi raguni ghaliex wasal ghal din il-konkluzjoni u dawn kienu:-

*1. Li fl-affidavit ta' l-appellant huwa kien xehed illi kien ilu jaghmel uzu mis-sit ghall-parkegg sa mill-1988 waqt li x-xhieda tieghu viva voce huwa qal illi kien akkwista s-sit fl-1978 u ftit xhur wara, beda jaghmel uzu minnu permezz tal-parkegg tal-vetturi u mbaghad fil-kontro-ezami, huwa kien qal illi kien akkwista s-sit fl-1978 u ftit xhur wara, beda jaghmel uzu minnu permezz tal-parkegg tal-vetturi u mbaghad fil-kontro-ezami, huwa kien qal illi kien akkwista dik l-art fl-1987. (pg. 3)*

*2. Li skond ix-xhieda ta' Anton Scicluna li jirrisjedi vicin is-sit in kwistjoni, huwa qal illi kien jiftakar illi l-ghalqa in kwistjoni kienet tinhadem qabel l-1993 u li ftit qabel dik is-sena, sid l-ghalqa kien nehha hajt tas-sejjiegh u l-hamrija u wara bdew jidhlu trakkijiet u karozzi scrap u bicciet ta' trakkijiet. Huwa xehed ukolli illi l-post kien tnaddaf biex rega' mtela b'vetturi u affarijiet ohra u li kien qed jintuza electric welding, impact wrench u kompressur ta' l-arja fil-ghaxija u fil-weekends. Fuq il-post kien hemm ukoll karozzi skrappjati (pg. 3)*

*3. Li l-enforcement officer Joseph Bonnici xehed illi wara access fuq il-post u wara ricerki skopra li l-uniku permess tal-pulizija antik li ghandu l-appellant huwa "To act as a ship chandler and general merchant from "Victor's", Zejtun Road, St. George's Bay, B'Bugia" li jigi s-sit biswit tas-sit mertu ta' dan l-appell. (pg. 4)*

*4. Li fix-xhieda tieghu l-appellant isemmi tliet snin differenti fejn huwa beda jaghmel uzu minn din l-ghalqa sabiex jipparkeggja l-vetturi li dan impinga fuq il-kredibbilta' tieghu stess.*

Illi ghaldaqstant, jidher car illi l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu ma pingiex stampa cara ta' dak li gara effettivament waqt il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell u dan ghaliex il-Bord wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu ghaliex m'ghandux jemmen lill-appellant. Li kieku l-provi quddiemu ta' tali zvilupp kienu nkonfutabbli, kieku l-appellant kien ikollu ragun, izda dan mhux il-kaz.

Illi a rigward ta' l-**artikolu 30 ta' l-Att I tal-1992** l-Awtorita' esponenti ma tafx minn fejn tohrog dak li ntqal fir-rikors ta' l-appell f'pagna 3 fejn intqal illi dan l-artikolu *"jghid li dan l-Att japplika biss ghal zvilupp li jsehh wara dahal fis-sehh dan l-Att, …"* Illi l-artikolu 30 (1) jghid hekk:-

*"Subject to the provisions of this article and to the following provisions of this Part of this Act, no development shall be carried out after the coming into force of this Act except with the permission of the Authority, in this Act referred to as development permission."*

Illi ghaldaqstant, dak li qed jghid dan l-artikolu huwa li wara l-1992 l-Awtorita' ta' l-Ippjanar hija l-organu kompetenti biex tohrog permessi u jekk xi zvilupp ma jkollux il-permess taghha, dan ikun illegali.

Illi in vista tal-premess, l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju 2003 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Carmelo Cachia, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju 2003, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 25 ta' Settembru 2003, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Carmelo Cachia vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal tas-26 ta' Jannar 2004.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Carmelo Cachia datat 1 ta' Marzu 2004 fejn talab differiment *stante* li d-difensur tieghu ser ikun imsiefer.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Marzu 2004; tat-12 ta' Mejju 2004 fejn il-Profs. Ian Refalo ghall-appellant indika lill-Qorti li ghandu jivverifika nformazzjoni li ghandu, fejn il-Perit Patrick Camilleri li kien fil-Bord ta' l-Appell, kien l-istess Perit tas-socjeta' Holiday Estates Co. Ltd. li tant kienet oggezzjonat ghal dan l-izvilupp; tas-16 ta' Gunju 2004 fejn il-Profs. Refalo kkonferma l-istess informazzjoni; tas-6 t'Ottubru 2004; tat-13 ta' Jannar 2005 u tat-2 ta' Marzu 2005 fejn xehed il-**Perit Patrick Camilleri** prodott mill-appellant; u tas-16 ta' Gunju 2005 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu sa l-ahhar t'Awissu 2005 lill-appellant sabiex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sa l-ahhar t'Ottubru 2005 ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' l-appellant Carmelo Cachia pprezentata fil-31 t'Awissu 2005, u dik ta' l-Awtorita' appellata tas-27 t'Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa appell li sar mill-appellanti min-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar il-hrug ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq Numru ECF 68/2000 mahrug fil-kofront ta' l-appellent fir-rigward ta' sit off Triq iz-Zejtun, Birzebbuga fejn l-istess ordni kienet tghid li:-

*"Biddilt l-uzu tal-art min ghalqa ghal scrapyard fejn qieghed ukoll jipparkja trakkijiet u vetturi ohra u dan kollu minghajr pemess."*

Illi l-appellant qed isostni permezz tar-rikors tieghu li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar hija legalment zbaljata u dan peress li:-

(a) Jallega li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kienet skond huwa bbazata fuq l-**artikolu 30 tal-Kap 356** u dan meta l-artikolu u l-kap imsemmi ma’ japplikawx ghall-kaz in ezami *stante* li dan l-izvilupp odjern jikkoncerna l-uzu tas-sit imsemmija li kien ilu jsehh minn qabel il-promulgazzjoni ta’ l-istess Att jew Kap tal-ligi u ghalhekk ladarba l-istess zvilupp kien gja’ sehh qabel l-applikazzjoni ta’ l-imsemmija Ligi, l-Ordni moghtija ma kellhiex tinghata ghaliex din kienet qed tirreferi ghall-izvilupp li mhux sindikabbli taht l-istess Att inkluz id-dispozizzjoni minnu citat fl-istess rikors ta’ l-appell.

(b) Illi l-istess appellant isostni li ladarba l-istess zvilupp ta’ pparkjar ta’ vetturi kien jezisti qabel l-Att dwar l-Ippjanar mela allura dan kien regolat biss bl-**artikolu 16 tal-Kap 10** fejn dwar l-uzu ta’ l-art kien mehtieg permess biss jekk tali *area* kienet regolata bi pjan regolatur u ghalhekk l-istess appellant ma kienx jehtieg permess.

(c) Illi jsostni wkoll li tali decizjoni hija zbaljata peress li l-**artikolu 51 u 52 tal-Kap 356** japplika biss ghal zvilupp li sar qabel is-sena 1992, biss jekk dan l-izvilupp ma sarx skond il-*policies u* l-pjanijiet li kienu jezistu dak iz-zmien, allura kien zvilupp legali meta sehh, u ghalhekk dawn l-artikoli ma japplikawx. Anke kieku l-istess artikoli japplikaw l-appellant jghid li xorta ma sarx l-ezami jekk tali zvilupp ma kienx konformi mal-ligi ta’ dak iz-zmien.

(d) Fl-ahharnett l-appellant isostni li l-Awtorita’ hadet in konsiderazzjoni process iehor ECF 1394/95 li hija ma kellhiex tikkonsidra. L-istess gara meta hadet konjizzjoni tax-xhieda ta’ l-*enforcement officer* Joseph Bonnici, liema xhieda skond l-appellant saret a bazi ta’ access li ma kienx ordnat mill-Awtorita’.

Illi din il-Qorti thoss li l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti ma ghandhom ebda fondament legali jew

fattwali u dan minhabba li l-istess aggravji qed jippresumu jew iressqu 'l quddiem diversi allegazzjonijiet dwar id-decizjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li assolutament ma humiex minnhom.

Illi fl-ewwel lok jigi nnutat li s-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kienet tikkoncerna ordni li saret lill-appellant odjern fuq is-sit mertu tal-kawza li fiha gie ndikat li mhux biss billi l-uzu ta' l-art minn ghalqa ghall-ipparkjar ta' trakkijiet jew vetturi ohra, izda li biddel l-uzu ta' art minn ghalqa bhala *scrapyard,* liema uzu ta' art bhala *scrapyard* kien jinkludi wkoll l-uzu ta' pparjkjar ta' vetturi u trakkijiet ohra. Mela allura l-kwistjoni ma kenitx tirrigwarda sempliciment l-uzu ta' l-art ghall-ipparkjar ta' vetturi izda ta' l-uzu ta' art bhala *scrapyard*.

Illi dwar l-uzu effettiv ta' art din hija kwistjoni ta' fatt, izda minn dak li rrizulta mill-atti processwali jidher li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar din il-kwistjoni ta' fatt kienet sabet li mhux minnu li l-istess appellant kien uza biss l-istess art anke qabel il-Kap 356 ghall-ipparkjar ta' karozzi, izda wkoll bhala *scrapyard.* Jidher car minn dak indikat f'pagna 3 ta' l-istess sentenza ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li l-verzjoni ta' l-appellant fuq dan il-punt ma twemmnitx.

Illi fil-fatt mis-sentenza ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jirrizulta li l-appellant ma twemminx mill-verzjonijiet li huwa ta' tant li l-istess decizjoni tghid li l-appellant kien inkonsistenti fix-xhieda tieghu anke peress li ta *"mhux anqas minn tliet snin differenti fejn huwa beda jaghmel uzu minn din l-ghalqa sabiex jipparkeggja l-vetturi li jimpingi mhux ftit fuqi-kredibbilta' tax-xhieda tieghu …"* Ikkonkludiet li l-appellant beda l-attivita tieghu ta' pparkjar ta' karozzi wara s-sena 1989.

Illi fuq din il-bazi kontrarjament, ghal dak li allega l-appellant l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma bbazax id-decizjoni tieghu fuq l-**artikolu 30 tal-Kap 356** u dan ghaliex l-istess organu sostna li l-izvilupp indikat fl-avviz biex tieqaf u ta' twettiq tas-7 ta' Frar 2000 kien ghadu ma sehhx meta l-istess **Att tas-sena 1992** kien gie

in *vigore.* Illi ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa kompletament bla ebda bazi legali u dan ghaliex kif jghid l-istess Bord ta' l-Appell fis-sentenza tieghu, din id-decizjoni tieghu, hawn soggetta ghall-appell kienet ibbazata fuq l-applikazzjoni ta' l-**artikoli 51 (2) u 52 tal-Kap 356.**

Illi fil-fatt l-istess decizjoni tghid li *"in forza ta' l-**artikolu 51 (2)** l-Awtorita' nghatat il-funzjoni li tezercita' l-poteri taghha, inkluz il-poter ta' proceduri ta' nfurzar anke fir-rigward ta' zvilupp li jkun sehh qabel ma jkun gie fis-sehh il-**Kap 356**. Ghalhekk jirrizulta li l-Awtorita' ghandha l-poter illi tistitwixxi proceduri ta' twettiq anke fil-konfront ta' xoghlijiet li jkunu saru qabel il-1992. Ghaldaqstant, anke jekk jirrizulta illi x-xoghlijiet fuq is-sit saru qabel il-1992 kif qieghed jallega l-appellant nomine dawn xorta jistghu jkunu suggetti ghall-proceduri ta' twettieq in forza tal-Att Numru 1 tal-1992."*

Illi allura mis-sentenza stess jirrizulta li dak li kien applikat fil-konfront ta' l-appellant kienu bla dubju ta' xejn l-**artikoli 51 u 52** li jirreferu kemm ghal zviluppi li saru qabel l-**Att 1 tal-1992** u kemm wara. Jigi pprecizat ukoll pero' li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar qatt ma accetta t-tezi ta' l-appellant li l-istess ghalqa kienet uzata bhala *scrapyard* qabel l-imsemmija data. Anzi l-allegazzjoni ta' l-appellant giet ghal kollox imwarrba – a dirittura hija ferm zbaljata l-allegazzjoni ta' l-appellant li l-Awtorita' qablet b'xi mod mal-verzjoni ta' l-appellant – anzi jidher li l-istess Awtorita' u sussegwentement il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu rregetta ghal kollox il-verzjoni ta' l-appellant, anzi jirrizulta li mill-istess decizjoni li gie affermat li l-imsemmi appellant kien ilu juza l-istess sit ghall-ipparkjar tal-karozzi u dan il-bdil ta' uzu sar ukoll minghajr ma l-istess appellant kellu permess vigenti skond il-ligijiet applikabbli f'dak iz-zmien, izda wkoll u fuq kollox li wara li gie ppromulgat l-istess Att tan-1992 dan is-sit beda jintuza'' wkoll bhala *scrapyard,* u dan meta l-istess sit ma kienx kopert bil-permess ta' zvilupp mill-Awtorita' kompetenti.

Illi ghalhekk f'termini cari l-appellant qatt ma kellu permess li juza l-istess sit bhala *scrapyard*, uzu u zvilupp li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar irrizultalu li l-appellant kien qed jesegwixxi (minkejja l-oppozizzjoni ta' l-istess appellant) – u minkejja li dan kien il-mertu kollu ta' l-avviz li nhareg mill-Awtorita, kif jidher car mil-Enforcement Notice 68/2000 u mid-decizjoni stess hawn suggetta ghal dan l-appell - stranament l-appellant lanqas biss isemmi fl-appell odjern tieghu. Fil-fatt l-appellant jirreferi biss ghall-attivita' ta' pparkjar ta' vetturi li hija parti biss mill-istess avviz u hija parti mill-attivita' principali li fuqha hareg l-istess Avviz biex tieqaf u ta' twettiq ta' zvilupp ta' *scrapyard* u dan fih innifsu huwa bizzejjed sabiex l-appell ta' l-appellant jigi michud, kemm peress li l-konstatazzjoni ta' l-uzu ta' l-istess sit mill-appellant hija kompetenza esklussiva ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghaliex hija kwistjoni ta' fatt u kemm ukoll ghaliex legalment l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien korrett fl-applikazzjoni tieghu ta' l-**artikoli 51 u 52 tal-Kap 356**, u dan ukoll kif ikkonfermat fid-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Martin Vella vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar'** (A.C. 12 ta' Mejju 1997 fejn inghad li:-

*"A skans ta' ekwivoci, il-Qorti tenfasizza li verament l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghandha s-setgha li tirrevedi l-izvilupp kollu li sar qabel is-sena 1992 jekk dan l-izvilupp ma sarx skond il-pjanijiet jew il-policies fis-sehh fiz-zmien li l-izvilupp kien sar (Art 51 (2) ta' l-imsemmi Att)."*

Illi dan certament japplika ghall-izvilupp li ammetta li ghamel l-istess appellant qabel is-sena 1992 mill-istess ghalqa u japplika wkoll ghall-izvilupp li zied wara dahal *in vigore* l-istess **Kap 356** fejn jirrizulta mill-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li l-istess appellant estenda l-uzu ta' l-art ta' l-istess sit indikat fl-avviz a dirittura ghal *scrapyard,* punt ta' fatt li l-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar stabbilixxa fil-kompetenza esklussiva tieghu. Dwar dan ghal dak li huwa punt ta' dritt l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar stabbilixxa li l-Avviz in kwistjoni, li fuq kollox dan kien l-appell dwaru, hareg korrettament a bazi ta' l-**artikolu 52 tal-Kap 356**, u

ma hemm ghalhekk l-ebda dubju li l-istess Bord ta’ l-Appell applika l-istess ligi korrettament.

Illi fil-fatt l-ahhar parti tas-sentenza ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tikkonferma dan meta tghid li:-

*“jirrizulta li l-izvilupp imsemmi fl-avviz gie ppruvat ampjament illi kien qieghd isir fuq is-sit u li dan kien jirrikjedi permess u stante li l-appellant ma gabx prova illi dan l-izvilupp huwa munit b’xi permess, dan il-Bord, wara li ra d-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 52 tal-Kap 356 m’ghandux triq ohra hlief li jikkonferma li l-proceduri ta’ twettiq.”*

Illi dan huwa aktar car meta wiehed ihares lejn l-bazi ta’ l-appell li sar mill-appellant fl-appell tieghu originali quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell permezz ta’ avviz datat 15 ta’ Frar 2000 fejn appella biss fuq l-istess avviz kwantu ghall-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 30** u biss dwar l-allegazzjoni li huwa *“has been using the land in question for the parking of vehicles since the year 1998………”.* L-**artikoli 51 u 52 tal-Kap 356** u l-uzu tas-sit bhala *scrapyard* lanqas biss jissemmew mill-appellanti, u certament li l-kummenti fir-risposta ta’ l-Awtorita’ appellata dwar il-kontenut tar-rikors ta’ l-appell huma koretti fis-sens li verament *“ir-rikors tal-appell ma jirrispekkja xejn dak li ntqal u dak li gie deciz fid-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell fit-23 ta’ Lulju 2003, f’liema rikors gie rilevat dak li kien konvenjenti ghar-rikorrenti u li hafna drabi dak li ma kienx minnu”.* Din il-Qorti thoss li fil-fatt l-istess appell huwa ghal kollox zvijatorju u certament jipprova jaghti stampa ghal kollox differenti minn dik moghtija fl-imsemmija decizjoni hawn appellata, u li din il-Qorti qed tikkonferma.

Illi fl-ahharnett u kwantu jista’ jkun relevanti ghall-kaz in ezami hawn qed issir riferenza wkoll ghad-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Francis Mugliett vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. 31 ta’ Mejju 1996) fejn gie indikat li sabiex jsir uzu minn art bhala *scrapyard* kellu bzonn il-permess, u dan japplika ghal dak li jirrigwarda l-istess zvilupp u uzu ta’ l-art bhal tali kemm qabel is-sena 1992 u kemm ovvjament wara.

Illi dwar l-ahhar aggravji msemmija fil-paragrafu 4 ta' l-istess rikors ta' l-appell ta' l-appellanti jirrizulta li dawn huma kompletament bla bazi u l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kellu d-dritt li jirregola l-procedura ta' quddiemu, fejn jidher li applika l-principji ta' *audi alteram partem* u tal-gustizzja naturali u ha konjizzjoni tax-xhieda kollha li ngabet quddiemu, kif kellu d-dritt jaghmel, inkluzi dik ta' l-appellant, ta' l-*enforcement officer* ta' l-istess Awtorita' u ta' xhieda ohra ta' terzi.  Dwar dawn ix-xhieda ma jirrizultax li l-istess appellant innifsu oggezzjona waqt il-kors kollu ta' proceduri quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.  Dwar il-process l-iehor indikat fl-imsemmi paragrafu, apparti l-fatt li l-aggravju stess ma gie bl-ebda mod spjegat jew b'xi mod sostanzjat, din il-Qorti thoss li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar apprezza u ha konjizzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemu mill-partijiet b'dan li kien hemm smigh xieraq skond il-ligi u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi fl-ahharnett dwar dak imsemmi mill-istess appellant fil-kors ta' dan l-appell dwar il-Perit Patrick Camilleri li kien membru tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li ta d-decizjoni mertu ta' dan l-appell, mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti u senjatment mix-xhieda tat-13 ta' Jannar 2005 u 2 ta' Marzu 2005, ma jirrizultax li l-istess perit kellu sad-data tad-decizjoni moghtija mill-istess Bord ta' l-Appell xi raguni ghaliex kellu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-istess kaz. Fil-fatt hadd mill-partijiet ma qajjem dan il-punt quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tant li mix-xhieda tieghu prodotta quddiem din il-Qorti jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess membru tal-Bord ta' l-Appell agixxa korrettament u skond il-ligi bhal membri kollha l-ohra ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet indikati fir-risposta ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 9 ta' Settembru 2003, **tichad l-appell tal-appellanti fir-rikors tieghu datat 6 ta' Awissu 2003**

*stante* li l-istess appell huwa null u bla effett u nfondat legalment, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar datata 23 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **"Carmelo Cachia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** indikata f'dawn l-atti processwali.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------